# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIELET SENA** **STUDJI SOĊJALI (*ĠENERALI*)** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** _______________

**Taqsima A**
**Imla l-vojt b'dan il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ekonomija | kooperazzjoni | ir-rwol | 'peer group' | bniedem ċivilizzat |
| valuri | volontarju | kultura | l-istudji soċjali | negozjati industrijali |

1. Diskussjonijiet bejn min iħaddem u t-trade unions insejħulhom _____________________________.
2. _____________________________ hu wieħed li jinteressa ruħu f'dak li jiġri madwaru.
3. Permezz tagħha s-soċjetà tħaddem ir-riżorsi tagħha biex tipproduċi aktar ġid fl- _____________________________.
4. Kulħadd jagħti sehmu skond _____________________________ li għandu fis-soċjetà.
5. Fl-iskola hemm bżonn ta' _____________________________ bejn l-istudenti u l-għalliema.
6. _____________________________ jgħallimni dwar is-soċjetà li jien nagħmel parti minnha.
7. Il-_____________________________ huma dawk il-ħbieb ta' mpari li nagħmilha magħhom u jistgħu jinfluwenzawni għat-tajjeb kif ukoll għall-ħażin.
8. Il-_____________________________ ta' l-imħabba u ta' l-għajnuna lil xulxin huma importanti biex soċjetà tiffunzjona għall-ġid tagħna lkoll.
9. Fil-familja tiġi trasmessa il-_____________________________ tas-soċjetà; jiġifieri l-ulied jiġu mgħallma t-tradizzjonijiet, il-valuri, il-lingwa u l-mod ta' ħajja.
10. Fil-ħin liberu hu tajjeb li nippruvaw ngħinu lill-oħrajn permezz ta' xogħol _____________________________.

**(10 marki)**

**Taqsima B**
**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

"Ix-xogħol minnu nnifsu jġib ċerta rutina u għejja fil-ħajja; għalhekk wara l-ħin tax-xogħol hemm il-ħin tal-mistrieħ jew aħjar il-ħin liberu. Il-ħin għandna nużawh tajjeb u dan jissejjaħ 'time management'."

1. X'inhu 'xogħol'? (Saħħaħ it-tifsira tiegħek b'eżempji.)

______________________________________________

______________________________________________ (2)

2. Semmi t-tliet taqsimiet tax-xogħol.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

3. Xi tfisser 'time management'?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

4. Kif tista' tevita perikli fuq il-post tax-xogħol?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

5. Semmi 2 drittijiet u 2 dmirijiet li għandhom il-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

6. Il-ħin hu oġġett fiss u ma nistgħux intawluh. Kif nistgħu nużaw il-ħin tagħna b'mod effiċjenti u effettiv? (Agħti żewġ eżempji)

______________________________________________

______________________________________________ (2)

7. X'differenza hemm bejn il-ħin liberu u l-qgħad?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

8. Semmi istituzzjoni internazzjonali li taħdem favur il-ħaddiem u għid xi ħaġa dwarha.

______________________________________________

______________________________________________ (1, 2)

**(20 marka)**

**Taqsima Ċ**
**Agħżel wieħed minn dawn u ikteb paragrafu ta' 80 kelma fuqu.**

1. Mass Media
2. Ir-rwol taċ-ċittadin
3. Il-Ġnus Magħquda
4. Soċjetà Konsumerista

**(15-il marka)**

**Taqsima D**
**Semmi żewġ:**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Passatempi | a) | ______________________ | b) | ______________________ |
| 2. | Drittijiet tal-konsumatur | a) | ______________________ | b) | ______________________ |
| 3. | Dmirijiet ta' student/a | a) | ______________________ | b) | ______________________ |
| 4. | Mezzi ta' komunikazzjoni | a) | ______________________ | b) | ______________________ |
| 5. | Attivitajiet sportivi | a) | ______________________ | b) | ______________________ |

**(10 marki)**

**Taqsima E**
**Immarka l-aħjar tweġiba billi tagħmel sing taħtha.**

**1. valuri ċiviċi**
- a) niekol u nixrob
- b) nobdi l-liġijiet u naqdi dmiri
- ċ) nixtri l-affarijiet li rrid

**2. identità nazzjonali**
- a) tagħrafna bħala familji
- b) tagħrafna bħala ħaddiema
- ċ) tagħrafna bħala Maltin

**3. settur terzjarju ta' l-ekonomija**
- a) tiddependi fuq il-manifattura
- b) sajd u bini
- ċ) servizzi

**4. saħħa preventiva**
- a) kura li tieħu l-isptar
- b) kura li tieħu għal saħħtek
- ċ) niekol u nixrob kemm niflaħ.

**5. ftehim kollettiv**
- a) mill-gvern u l-ħaddiema
- b) mill-ħaddiema bejniethom
- ċ) mir-rappreżentanti tal-ħaddiema u r-rappreżentanti ta' min iħaddem

**(5 marki)**

**Taqsima F**
**Uri d-differenza bejn:**

1. Ġustizzja Soċjali u Inġustizzja Soċjali.
2. Produtturi u Bejjiegħa.
3. Saħħa Mentali u Saħħa Fiżika.
4. Ekonomija Ċentralizzata u Ekonomija Ħielsa.
5. Riżorsi Naturali u Riżorsi Materjali.

**(5 x 4 = 20 marka)**

**Taqsima Ġ:**
**Ikteb madwar 200 kelma fuq wieħed minn dawn.**

1. Kemm dieta bilanċjata kif ukoll l-eżerċizzju jgħinuna nkunu b’saħħitna. Ikkummenta.
2. Villaġġ globali. Għaliex? Iddiskuti.
3. It-teknoloġija saret parti minn ħajjitna. Ikkummenta.

**(20 marka)**